

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal prodott bijoċidali

Isem tal-prodott: SOPUROXID 3.2

Tip(i) ta' prodott: TP 02 - Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-użu dirett fuq il-bnedmin jew l-animali

TP 02 - Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-użu dirett fuq il-bnedmin jew l-animali

TP 03 - Iġjene veterinarja

TP 04 - Żoni tal-ikel u tal-għalf

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU_0026179-0000

**Numru ta' referenza tal-assi
R4BP 3:** EU-0026179-0003

Werrej

Informazzjoni Amministrattiva	1
1.1. Isem kummerċjali tal-prodott	1
1.2. Detentur tal-awtorizzazzjoni	1
1.3. Manifattur(i) tal-prodotti bijoċidali	1
1.4. Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)	2
2. Kompożizzjoni u formulazzjoni tal-prodott	3
2.1. Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott bijoċidali	3
2.2. Tip ta' formulazzjoni	3
3. Dikjarazzjonijiet ta' Periklu u prekawzjoni	3
4. Użu(ijiet) awtorizzati	5
5. Direzzjonijiet ġenerali għall-użu	12
5.1. Istruzzjonijiet għall-użu	12
5.2. Miżuri ta' mitigazzjoni ta' riskju	13
5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent	14
5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu	14
5.5. Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin	15
6. Informazzjoni oħra	15

Informazzjoni Amministrattiva

1.1. Isem kummerċjali tal-prodott

SOPUROXID 3.2 HyPro Biocide 3.2-23

1.2. Detentur tal-awtorizzazzjoni

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	SOPURA
	Indirizz	rue de Trazegnies 199 6180 COURCELLES II-Belġju
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU_0026179-0000 1-2	

Numru ta' referenza tal-assi R4BP 3

EU-0026179-0003

Data tal-awtorizzazzjoni

12/07/2022

Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni

30/06/2032

1.3. Manifattur(i) tal-prodotti bijoċidali

Isem tal-manifattur	SOPURA N.V.
Indirizz tal-manifattur	Rue de Trazegnies 199 6180 COURCELLES II-Belġju
Post ta 'siti ta' manifattura	Rue de Trazegnies 199 6180 COURCELLES II-Belġju

Isem tal-manifattur	SOPURA QUIMICA
Indirizz tal-manifattur	Poligon "La Canaleta", Avinguda Júpiter 7 25300 TARREGA Spanja
Post ta 'siti ta' manifattura	Poligon "La Canaleta", Avinguda Júpiter 7 25300 TARREGA Spanja

Isem tal-manifattur	HYPRED SAS (KERSIA Group)
Indirizz tal-manifattur	55, Boulevard Jules Verger (BP 10180) 35803 DINARD Franza
Post ta 'siti ta' manifattura	55, Boulevard Jules Verger (BP 10180) 35803 DINARD Franza
	Niepruszewo, ul. Kasztanowa 64-320 Buk Polonja

1.4. Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)

Sustanza attiva	1340 - Aċidu peraċetiku
Isem tal-manifattur	SOPURA N.V.
Indirizz tal-manifattur	Rue de Trazegnies 199 6180 COURCELLES II-Belġju
Post ta 'siti ta' manifattura	Rue de Trazegnies 199 6180 COURCELLES II-Belġju

Sustanza attiva	1340 - Aċidu peraċetiku
Isem tal-manifattur	SOPURA QUIMICA
Indirizz tal-manifattur	Poligon "La Canaleta", Avinguda Júpiter 7 25300 TARREGA Spanja
Post ta 'siti ta' manifattura	Poligon "La Canaleta", Avinguda Júpiter 7 25300 TARREGA Spanja

Sustanza attiva	1340 - Aċidu peraċetiku
Isem tal-manifattur	HYPRED SAS (KERSIA Group)
Indirizz tal-manifattur	55, Boulevard Jules Verger (BP 10180) 35803 DINARD Franza
Post ta' 'siti ta' manifattura	55, Boulevard Jules Verger (BP 10180) 35803 DINARD Franza
	Niepruszewo, ul. Kasztanowa 64-320 Buk Polonja

2. Kompożizzjoni u formulazzjoni tal-prodott

2.1. Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott bijoċidali

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Aċidu peraċetiku		Sustanza attiva	79-21-0	201-186-8	3,2
Aċidu sulfuriku		Sustanza mhux attiva	7664-93-9	231-639-5	0,8
Perossidu tal-idroġenu		Sustanza mhux attiva	7722-84-1	231-765-0	23,5
Aċidu aċetiku		Sustanza mhux attiva	64-19-7	200-580-7	6,45

2.2. Tip ta' formulazzjoni

E - konċentrat Jinħall

3. Dikjarazzjonijiet ta' Periklu u prekawzjoni

Dikjarazzjonijiet dwar Periklu	<p>Jista' jżid in-nar; ossidant.</p> <p>Jista' jkun korrużiv għall-metalli.</p> <p>Jagħmel ħruq serju lill-ġilda u ħsara lill-għajnejn.</p> <p>Jagħmel ħsara serja lill-għajnejn.</p> <p>Jista' jikkawża irritazzjoni respiratorja.</p> <p>Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema.</p> <p>Jagħmel il-ħsara meta jmiss mal-ġilda.</p>
---------------------------------------	--

Dikjarazzjonijiet dwar Prekawzjoni

Jagħmel il-fsara jekk jinbela'.

Biegħed mis-sħana, uçuħ jaħarqu, xrar tan-nar, fjammi miftuħa u sorsi oħra li jaqbd. – Tpejjipx.

Ilbes protezzjoni għall-wiċċ.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA (jew ix-xagħar):Neħħi minnufih il-ħwejjeġ kontaminati kollha.Laħlaħ il-ġilda bl-ilma.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti.Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ.

Sejjaħ minnufih ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT/tabib.

Ilbes protezzjoni għall-għajnejn.

Ilbes ingwanti protettivi.

Ħu kull prekawzjoni biex tevita li jiħallat mal-kombustibbli .

Evita li tibra' bin-nifs fwar.

Aħsel idejk sew wara li timmaniġġjah.

Tikolx, tixrobx u tpejjipx waqt li tuża' dan il-prodott.

Uża biss barra jew f'post ventilat sew.

Trattament speċifiku (ara l-informazzjoni fuq din it-tikketta).

Laħlaħ ħalqek.

Aħsel il-ħwejjeġ kontaminati qabel terġa' tużahom.

JEKK JINBELA':Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI/tabib jekk ma tħossokx f'sikktek..

JEKK JINBELA':Laħlaħ ħalqek.TIPPROVOKAX ir-remettar.

JEKK FUQ IL-ĠILDA:Baħbaħ b'ħafna ilma.

JEKK JINGĪBED MAN-NIFS:Qiegħed lill-persuna għall-arja friska f'pożizzjoni komda biex tieħu n-nifs.

Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati.U aħslu qabel terġa' tużah.

Aħżen f'post imsakkar.

Aħżen f'post b'ventilazzjoni tajba.Żomm il-kontenitur magħluq sew.

Armi l-kontenut fi skont ir-regolamenti lokali/reġjonali/nazzjonali/internazzjonali.

Ilbes ilbies protettiv.

Armi il-kontenitur fi skont ir-regolamenti lokali/reġjonali/nazzjonali/internazzjonali.

Żomm frisk.

Evita r-rilaxx fl-ambjent.

Igħbor it-tixrid.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA (jew ix-xagħar):Neħħi minnufih il-ħwejjeġ kontaminati kollha.Laħlaħ il-ġilda bix-xawer.

Tiblax man-nifs fwar.

Tiblax man-nifs sprej.

Evita li tibra' bin-nifs sprej.

4. Użu(ijiet) awtorizzati

4.1 deskrizzjoni użu

Użu 1 - Diżinfekzjoni tal-Kamra bl-applikazzjoni ta' fwar - F'żoni industrijali, pubbliċi u tal-kura tas-saħħa mhux mediċi (industrija farmaċewtika u kożmetika)

Tip ta' Prodott

TP 02 - Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-użu dirett fuq il-bnedmin jew l-annimali

Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat

-

Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)

isem xjentifiku: ebda data
isem komuni: Bacteria
istadju iżvilupp: ebda data

isem xjentifiku: ebda data
isem komuni: Yeasts
istadju iżvilupp: ebda data

isem xjentifiku: ebda data
isem komuni: Spori batterjoloġiċi
istadju iżvilupp: ebda data

Qasam tal-użu

Indoor

F'żoni industrijali, pubbliċi u tal-kura tas-saħħa mhux mediċi : Diżinfekzjoni ta' wċuh iebsin/mhux porużi bl-applikazzjoni ta' fwar.

Metodu(i) ta' applikazzjoni

Metodu: fogging
Deskrizzjoni dettaljata:
Bl-applikazzjoni ta' fwar flimkien mal-prodott dilwit

Rata(i) u frekwenza tal-applikazzjoni

Rata ta' Applikazzjoni: -
Dilwizzjoni (%): Attiv kontra l-batterji (inklużi spori batterjoloġiċi) u ħmejjer: B'5.6 mL/m³ (Dilwizzjoni tal-prodott b'40% i.e. 40 L / 100 L i.e. 1.28% PAA (aċidu peraċetiku))
f' Temperatura tal-Kamra f'ħin ta' kuntatt ta' 2 sığhat. (wara d-diffużjoni)
Numru u ħin tal-applikazzjoni:
/

Kategorija(i) tal-utenti

industrijali
professjonali

Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ

HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott):
Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1,000 sa 1,200 kg), flieksen ta' 1L, forniture bil-massa).

4.1.1 Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.1.2 Miżuri ta 'mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu

Protezzjoni dermika :

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul il-fażi ta' taħlit, tagħbija u applikazzjoni.

Protezzjoni respiratorja: .

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 4 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija.

Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

Laħlaħ il-pompa u skonnettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.

Il-pubbliku ġenerali għandu jerġa' jitħalla jidħol biss meta l-uċuħ jinxfu u wara ventilazzjoni suffiċjenti.

4.1.3 Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta 'emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.4 Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.1.5 Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2 deskrizzjoni użu

Użu 2 - Diżinfekzjoni tal-Kamra bl-applikazzjoni ta' fwar - F'żoni agrikoli & tal-ortikultura (fl-assenza ta' pjanti – għal għanijiet ta' iġjene personali biss)

Tip ta' Prodott

TP 02 - Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-użu dirett fuq il-bnedmin jew l-animali

Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat

-

Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)

isem xjentifiku: ebda data
isem komuni: Bacteria
istadju iżvilupp: ebda data

isem xjentifiku: ebda data
isem komuni: Yeasts
istadju iżvilupp: ebda data

Qasam tal-użu

Indoor

F'żoni agrikoli/tal-ortikultura: Diżinfekzzjoni ta' wċuh iebesin/mhux porużi bl-applikazzjoni ta' fwar b'tindif minn qabel

Metodu(i) ta' applikazzjoni

Metodu: fogging
Deskrizzjoni dettaljata:
Bl-applikazzjoni ta' fwar flimkien mal-prodott dilwit

Rata(i) u frekwenza tal-applikazzjoni

Rata ta' Applikazzjoni: -
Dilwizzjoni (%): Kontra l-batterji u l-ħmejjer: B'5.6 mL/m³ (Dilwizzjoni tal-prodott b'40% i.e. 40 L / 100 L i.e. 1.28% PAA (aċidu peraċetiku)) f'Temperatura tal-Kamra f'ħin ta' kuntatt ta' 2 sigħat. (wara d-diffużjoni)
Numru u ħin tal-applikazzjoni:
/

Kategorija(i) tal-utenti

industrijali
professjonali

Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ

HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott):
Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1,000 sa 1,200 kg), fliekken ta' 1L, forniture bil-massa).

4.2.1 Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.2.2 Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu

Protezzjoni dermika :
Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul it-taħlit u t-tagħbija.
Protezzjoni respiratorja: .

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 4 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija. Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.
Laħlaħ il-pompa u skonnettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.
Il-pubbliku ġenerali għandu jerġa' jitħalla jidħol biss meta l-uċuħ jinxfu u wara ventilazzjoni suffiċjenti.

4.2.3 Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.4 Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.2.5 Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.3 deskrizzjoni użu

Użu 3 - Diżinfazzjoni tal-Kamra bl-applikazzjoni ta' fwar – F'post għall-animali

Tip ta' Prodott

TP 03 - Iġjene veterinarja

Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat

-

Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)

isem xjentifiku: ebda data
isem komuni: Bacteria
istadju iżvilupp: ebda data

isem xjentifiku: ebda data
isem komuni: Yeasts
istadju iżvilupp: ebda data

Qasam tal-użu

Indoor

F'post għall-animali : Diżinfazzjoni ta' wċuħ iebesin/mhux porużi bl-applikazzjoni ta' fwar b'tindif minn qabel

Metodu(i) ta' applikazzjoni

Metodu: fogging
Deskrizzjoni dettaljata:

Bl-applikazzjoni ta' fwar flimkien mal-prodott dilwit

Rata(i) u frekwenza tal-applikazzjoni

Rata ta 'Applikazzjoni: -
Dilwizzjoni (%): Kontra l-batterji u l-ħmejjer: B'5.6 mL/m³ (Dilwizzjoni tal-prodott b'40% i.e. 40 L / 100 L i.e. 1.28% PAA (aċidu peraċetiku)) f'Temperatura tal-Kamra f'ħin ta' kuntatt ta' 2 sigħat. (wara d-diffużjoni)
Numru u ħin tal-applikazzjoni:
/

Kategorija(i) tal-utenti

industrijali
professjonali

Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ

HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott):
Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1,000 sa 1,200 kg), fliexken ta' 1L, forniture bil-massa).

4.3.1 Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.3.2 Miżuri ta 'mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu

Protezzjoni dermika:

Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul it-taħlit u t-tagħbija.

Protezzjoni respiratorja:

L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovi fattur ta' protezzjoni ta' 4 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija. Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.

Laħlaħ il-pompa u skonettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.

Trattament ta' postijiet għall-animali vojta biss. L-animali għandhom jidħlu biss wara ventilazzjoni xierqa u meta l-uċuħ ikunu nixfu.

Il-pubbliku ġenerali għandu jerġa' jitħalla jidħol biss meta l-uċuħ jinxfu u wara ventilazzjoni suffiċjenti.

4.3.3 Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta 'emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.3.4 Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.3.5 Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.4 deskrizzjoni użu

Użu 4 - Diżinfekzjoni tal-Kamra bl-applikazzjoni ta' fwar – Fi kmamar tal-ħażna b'apparat speċjali f'kantina għall-ħażna jew kamra

Tip ta' Prodott	TP 04 - Żoni tal-ikel u tal-għalf
Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	-
Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	isem xjentifiku: ebda data isem komuni: Bacteria istadju iżvilupp: ebda data isem xjentifiku: ebda data isem komuni: Yeasts istadju iżvilupp: ebda data isem xjentifiku: ebda data isem komuni: Spori batterjoloġiċi istadju iżvilupp: ebda data
Qasam tal-użu	Indoor F'żoni tal-ikel/għalf (kmamar tal-ħażna): Diżinfekzjoni ta' wċuh iebesin/mhux porużi bl-applikazzjoni ta' fwar.
Metodu(i) ta' applikazzjoni	Metodu: fogging Deskrizzjoni dettaljata: Bl-applikazzjoni ta' fwar flimkien mal-prodott dilwit
Rata(i) u frekwenza tal-applikazzjoni	Rata ta' Applikazzjoni: - Dilwizzjoni (%): Attiv kontra l-batterji (inklużi spori batterjoloġiċi) u ħmejjer B'5.6 mL/m ³ (Dilwizzjoni tal-prodott b'40% i.e. 40 L / 100 L i.e. 1.28% PAA (aċidu peraċetiku)) f' Temperatura tal-Kamra f'ħin ta' kuntatt ta' 2 sigħat. (wara d-diffużjoni) Numru u ħin tal-applikazzjoni: /

Kategorija(i) tal-utenti	industrijali professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	HDPE (polietilen ta' densità għolja) u tapp ta' ventilazzjoni (il-piż jiddependi fuq id-densità tal-prodott): Jerrycans (10 sa 25 kg), Tankijiet (200 sa 250 kg), IBC (kontenituri intermedji tal-massa) (1,000 sa 1,200 kg), fliexken ta' 1L, forniture bil-massa).

4.4.1 Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu

4.4.2 Miżuri ta 'mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu

Protezzjoni dermika :
Uża nuċċalijiet ta' sikurezza xierqa u/jew ilqugħ għall-wiċċ matul it-taħlit u t-tagħbija.

Protezzjoni respiratorja: .
L-użu ta' tagħmir respiratorju protettiv (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 4 huwa obbligatorju matul it-taħlit u t-tagħbija. Meta l-prodott ikun qed jintuża f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku, immarka ż-żoni ttrattati waqt il-perjodu tat-trattament u indika r-riskji possibbli għall-bnedmin u għall-organiżmi mhux fil-mira (eż. avvelenament primarju u sekondarju) kif ukoll l-ewwel miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' avvelenament.
Laħlaħ il-pompa u skonnettjaha mill-installazzjoni qabel il-manutenzjoni.
Il-pubbliku ġenerali għandu jerġa' jitħalla jidħol biss meta l-uċuħ jinxfu u wara ventilazzjoni suffiċjenti.

4.4.3 Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta 'emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.4.4 Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

4.4.5 Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Ara d-direzzjonijiet ġenerali dwar l-użu.

5. Direzzjonijiet ġenerali għall-użu

5.1. Istruzzjonijiet għall-użu

1. L-uċuh kollha li se jiġu diżinfettati għandhom jitnaddfu qabel il-proċedura ta' diżinfazzjoni. Għall-eċċezzjonijiet, jekk jogħġbok irreferi għad-deskrizzjoni tal-metodu ta' applikazzjoni relatat ma' kull użu.

2. Ċiklu ta' diżinfazzjoni :

- Il-prodotti għandhom jiġu dilwiti f'ilma tax-xorb qabel l-użu.
- Ir-rata ta' dilwizzjoni u l-ħin ta' kuntatt jiddependu fuq l-użu kkunsidrat. Jekk jogħġbok irreferi għad-deskrizzjoni tal-metodu ta' applikazzjoni relatat ma' kull użu.
- Tlaħlieħa finali (bl-ilma tax-xorb) hija mandatorja: wara il-proċedura ta' diżinfazzjoni, l-uċuh trattati għandhom jitlaħħalhu bl-ilma, u l-ilma għandu jitbattal fis-sistema tad-drenaġġ. Għall-eċċezzjonijiet, jekk jogħġbok irreferi għad-deskrizzjoni tal-metodu ta' applikazzjoni relatat ma' kull użu.

Meta SPC 2 : Proċeduri ta' diżinfazzjoni **bl-applikazzjoni ta' fwar**

Il-prodott **SOPUROXID 3.2** huwa diżinfettant likwidu biex ikun applikat (wara dilwizzjoni ta' 40%) bl-applikazzjoni ta' fwar għal diżinfazzjoni bl-arja tal-uċuh u sabiex jintuża fuq ġewwa minn utenti professjonali biss. Dejjem iċċekkja l-kompatibbiltà tal-prodotti mal-wċuh iebes/mhux porużi li ser jiġu diżinfettati.

Il-prodott **SOPUROXID 3.2** ġie żviluppata u muri bħala effikaċi (permezz ta' studji mwettqa skont l-istandard NF T 72 281), bl-użu ta' apparat wieħed HYSpray, għal kmamar b'volum bejn 30 & 150 m³ b'rata ta' fluss ta' 0.047 mL/min/m³ (volum kull applikazzjoni u kull apparat).

L-użu ta' apparati oħrajn huwa possibbli. Huma għandhom jiġu mfassla biex jaħdmu flimkien ma' prodotti bbażati fuq il-PAA (aċidu peraċetiku) u sabiex jiżguraw il-ħolqien ta' fwar li jista' jibqa' sospiż fl-arja u kemm-il darba dawn l-apparati jissodisfaw il-karatteristiċi:

- 1) Qies ta' partikola (qtar medji): bejn 1 u 15 µm
- 2) Rata ta' fluss: 0.047 mL/min/m³
- 3) Rata ta' applikazzjoni: 5.6 ml/m³
- 4) Volum tal-kamra bejn 30 u 150 m³ kull applikazzjoni u kull apparat (i.e. ħin ta' diffużjoni bejn 5 u 30 min).

- Id-diżinfazzjoni fl-arja għandha ssir biss wara tindif u tlaħħiħ sewwa.

L-uċuh li se jiġu diżinfettati għandhom jitnixxfu qabel il-proċedura ta' diżinfazzjoni. Jekk jogħġbok oqgħod attent biex tiftaħ il-bibien tal-gwardarobbi. Jekk jogħġbok iċċekkja t-temperatura u l-umdià relattiva tal-kamra (trid tkun stabbilita bejn 40 u 80%) biex tikseb l-aqwa livell ta' effiċjenza tal-prodott.

- Il-kamra fejn ser issir l-attività tal-applikazzjoni ta' fwar hija ssiġillata sew matul l-applikazzjoni tal-fwar; ebda utent mhuwa preżenti: Qabel il-bidu ta' ċiklu ta' diżinfazzjoni bl-applikazzjoni tal-fwar, il-kamra trattata trid tkun issiġillata. Il-kompiti ta' sikurezza kollha għall-implimentazzjoni tad-dekontaminazzjoni għandhom jiġu fdati lil utent li jkun segwa t-taħriġ meħtieġ. Fosthom, l-ewwel pass huwa l-għeluq tal-unitajiet tal-immaniġġjar tal-arja u l-għeluq tad-dħul u l-ħruġ tal-arja, sabiex il-prodott ma jinfirixx lejn kmamar oħra. Il-bieb jew bibien li jagħtu 'l barra taż-żona għandhom imbagħad jinqafu; jekk il-ġonot mhumiex magħluqa sewwa, għandhom jiġu ssiġillati bit-tejp. Għandu jintgħażel preferibbilment tejp oranġjo, jew kulur jgħajjat biex jiġbed l-attenzjoni u jitwaħħal sinjal "Access *ipproibit, qed issir diżinfazzjoni tal-kamra*". Għall-użu biss f'żoni li mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali u annimali domestiċi.

- L-utent għandu dejjem iwettaq validazzjoni mikrobijoloġika tad-diżinfazzjoni fil-kmamar li ser jiġu diżinfettati (jew f' "kamra standard" xierqa, jekk applikabbli) bl-apparat li ser jintuża u wara jista' jsir protokoll għad-diżinfazzjoni ta' dawn il-kmamar u jintuża wara. Kull apparat jew installazzjoni speċifika hija validata sistematikament meta titħejja.

5.2. Miżuri ta' mitigazzjoni ta' riskju

Protezzjoni dermika:

Matul il-fażi tal-immaniġġjar tal-prodott, ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimika (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott).

Għandu jintlibes coverall protettiv li huwa impermeabbli għall-prodott bijoċidali (il-materjal tal-coverall għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott).

+ RMM (miżuri ta' immaniġġjar ta' riskji) speċifiċi addizzjonali għall-applikazzjoni tal- fwar :

Għall-użu biss f'żoni li mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali u annimali domestiċi.

- Wara l-applikazzjoni tal-prodott ta' diżinfazzjoni bl-applikazzjoni ta' fwar u l-ħin ta' kuntatt għall-aqwa diżinfazzjoni (2 sigħat), il-kamra għandha tiġi vventilata, preferibbilment minn ventilazzjoni mekkanika għal mhux inqas minn 60 min.

It-tul tal-perjodu ta' ventilazzjoni għandu jiġi stabbilit permezz ta' kejl b'taġħmir ta' kejl xieraq (speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fl-informazzjoni dwar il-prodott).

- Wara l-ventilazzjoni, id-dħul mill-ġdid fiż-żona diżinfettata huwa permess biss wara li l-konċentrazzjonijiet tal-aċidu peraċetiku u l-perossidu tal-idroġenu fl-arja jkunu ġew iċċekkjati u murija bħala li tbaxxew taħt il-valuri ta' referenza AEC (konċentrazzjoni ta' esponiment aċċettabbli) rispettivi:

- Il-konċentrazzjoni ta' PAA (aċidu peraċetiku) fl-arja trid tinżel sa 0.5 mg/m³.

5.3. Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta' emerġenza biex jiproteġu l-ambjent

Effetti indiretti

Iż-żewġ prodotti huma aġenti ossidanti u reattivi. Fil-każ ta' dekompożizzjoni termika, jiġu rilaxxati fwar u ossiġenu bħala prodotti ta' dekompożizzjoni. Ir-rilaxx tal-ossiġenu jista' jsostni l-kombustjoni.

Il-kuntatt ma' impuritajiet, katalisti ta' dekompożizzjoni, mluħa metalliċi, alkalis, aġenti ta' tnaqqis jistgħu wkoll jwasslu għal dekompożizzjoni eżotermika aċċellerata intrinsika, u l-formazzjoni tal-ossiġenu.

Fil-każ ta' dekompożizzjoni tal-prodott fi spazji magħluqa u pipers, hemm riskju ta' pressjoni żejda u tfaqqigħ.

Miżuri tal-ewwel għajnuna

Ø Parir ġenerali

Warrab minn żona perikoluża.

Hu hsieb is-sikurezza personali tiegħek.

Neħħi minnufih il-ħwejjeġ kontaminati kollha.

Ø Teħid man-nifs

Oħroġ lill-persuni milquta għall-arja friska.

Skonfort possibbli: Irritazzjoni tal-ġilda u x-xfar mukużi tal-għajnejn u l-pajp tan-nifs u sogħla.

Jekk iseħħu diffikultajiet ta' nifs (eż. sogħla severa kontinwa): Żomm lill-pazjent nofsu bilqegħda bil-parti ta' fuq ta' ġismu mgħollija; żommu sħun u f'post kwiet; sejjaħ immedjatament tabib.

Ø F'każ ta' kuntatt mal-ġilda

F'każ ta' kuntatt mal-ġilda, aħsel mill-ewwel b'ħafna ilma.

Ikkonsulta tabib.

Neħħi minnufih il-ħwejjeġ kontaminati kollha.

Laħlaħ immedjatament kull ilbies ikkontaminat jew saturat bl-ilma.

Ø Kuntatt mal-għajn

Bl-għajn miftuħa, aħsel immedjatament b'ħafna ilma għal mill-inqas 10 minuti.

Ipproteġi l-għajn mhux milquta.

Kompli l-proċess ta' tlaħliħ b'soluzzjoni tat-tlaħliħ tal-għajnejn.

Sejjaħ ambulanza (ħruq kawstiku tal-għajnejn)

Aktar trattament immedjat fi sptar tal-għajnejn/għand oftalmoloġista.

Kompli laħlaħ l-għajn sal-wasla fi-sptar tal-għajnejn.

Ø Inġestjoni

Tipprovokax ir-remettar.

Periklu ta' penetrazzjoni fil-pulmun (periklu għan-nifs) meta jinbela' jew jiġi rrimettat, minħabba evoluzzjoni tal-gass u formazzjoni ta' fowm.

Meta l-pazjent ikun f'sensih kompletament biss: laħlaħ il-ħalq bl-ilma; ħalli lill-pazjent jixrob ħafna ilma b'boqqiet żgħar; żomm lill-pazjent sħun u fil-mistrieħ.

Avża immedjatament l-ambulanza (kelma ewlenija: ħruq bl-aċidu).

Ø Noti għat-tabib

Terapija bħal ta' ħruq kimiku.

Wara teħid man-nifs:

Il-formazzjoni ta' edema tossika tal-pulmun hija possibbli jekk il-prodott ikompli jinxattam minkejja effett irritanti akut (eż. jekk mhuwiex possibbli li wieħed jitlaq miż-żona ta' periklu).

Profilassi ta' edema tossika tal-pulmun bi steroids li jittieħdu man-nifs (sprej dożabbli, eż. auxilosone).

Jekk tinbela' s-sustanza:

Periklu mill-aspirazzjoni.

Riskju ta' emboliżmi tal-gass.

Fil-każ ta' pressjoni eċċessiva fuq l-istonku minħabba evoluzzjoni ta' gass, defes tubu sifun.

Endoskopija bikrija bil-għan li jiġu vvalutati l-leżjonijiet viżibbli fil-mukożi tal-esofagu u tal-istonku.

Jekk ikun meħtieġ, iġbed is-sustanza li tibqa'.

Tamministrax karbonju attiv peress li hemm riskju ta' ħruq ta' ammonti kbar ta' gass minħabba fil-perossidu tal-idroġenu.

Miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent

Osserva r-regolamenti dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis tal-ilma (iġbor, ostakola t-tixrid, għatti).

Tħallix li jispiċċa f'kanali tal-ilma, ilma tal-wiċċ jew fl-art.

Ø Metodi għat-tindif

Naddaf sewwa l-wiċċ kontaminat; l-aġent rakkomandat għat-tindif huwa l-ilma.

Fil-każ ta' tixrid żgħir, iddilwixxi l-prodott b'ħafna ilma u laħlaħ jew assorbil l-prodott b'materjal li jgħaqqad, bħal assorbent kimiku, trab tad-dijatomu, binder universali. Tużax tessuti, serratura tal-injam u sustanzi kombustibbli. Wara t-għaqqid, erfa' mekkanikament u iġbor f'kontenituri xierqa. Armi l-materjal assorbit skont ir-regolamenti.

Ø Parir addizzjonali

Oħloq stat sigur jew neħħi kull sors ta' taqbid.

Iżola kontenituri difettużi immedjatament, jekk ikun possibbli u sigur li tagħmel dan.

Agħlaq kull tnixxija, jekk ikun possibbli u sigur li tagħmel dan.

Poġġi kontenituri difettużi f'kontenitur tal-iskart (kontenitur għall-ġbir ta' imballaġġ mormi) magħmul mill-plastik (mhux metall).

Tissigillax kontenituri difettużi jew kontenituri tal-iskart bla arja (periklu ta' tifqigħ minħabba f'dekompożizzjoni tal-prodott).

Il-prodott li jinħareġ ma għandux jiġi rritornat fil-kontenitur.

Qatt ritirorna prodott imxerred fil-kontenitur oriġinali sabiex jintuża mill-ġdid (riskju ta' dekompożizzjoni).

5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu

M'għandekx tferrex prodott mhux użat fl-art, fil-korsiji tal-ilma, f'pajpijiet (sink, tojlits...) u lanqas fid-drenaġġ. Iddisponi minn prodott mhux użat, l-ippakkjar tiegħu u kull skart ieħor, skont r-regolamenti lokali.

5.5. Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin

Żomm biss fl-ippakkjar oriġinali magħluq sewwa b'post kiesaħ u b'ventilazzjoni tajba. Żomm il-prodotti 'il bogħod minn dawl tax-xemx dirett, sors ta' sħana u ta' qbid tan-nar
Il-ħajja hija ta' 6 xhur għall-prodotti kollha.
Il-prodotti għandhom jinħażnu f'temperaturi taħt +30°C.

6. Informazzjoni oħra

Il-valuri ta' referenza tal-aċidu peraċetiku u l-perossidu tal-idroġenu wżati għal valutazzjoni tar-riskju:

PAA (aċidu peraċetiku) : AECinhal – Konċentrazzjoni ta' Espożizzjoni Aċċettabbli (rotta tal-ġbid bin-nifs) = 0,5 mg/m³

HP (perossidu tal-idroġenu) : AECinhal – Konċentrazzjoni ta' Espożizzjoni Aċċettabbli (rotta tal-ġbid bin-nifs) = 1,25 mg/m³